20 ta' Marzu, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmela Zammit *versus* Salvatore Mifsud

**Appell — Produzzjoni ta' Dokumenti Ġodda — Art. 149 tal-Kap. 15.**

*F'każ ta' appell minn sentenza tal-Qorti Ċivili Inferjuri mhix ammessa l-produzzjoni ta' dokumenti li ma ġewx eżibiti fl-ewwel istanza, jekk mhux f'xi wieħed mill-każijiet espressament imsemmijin fil-liġi għall-produzzjoni ta' provi ġodda fl-appell.*

*Huwa veru li fost dawn il-każijiet hemm dak meta l-Qorti tħoss in-neċessità jew l-utilità li jkollha quddiemha d-dokument li ma ġiex preżentat fl-ewwel istanza; imma din in-neċessità jew utilità trid tkun inħolqot fit-tieni istanza. Jekk dik in-neċessità jew utilità kienet teżisti diġà fl-ewwel istanza, allura mhux il-każ li d-dokument jiġi prodott fl-appell.*

Il-Qorti, — Fuq l-inċident verbalizzat fol. 9 tergo;

Id-difensur ta' l-attriċi talab li jipproduċi f'din l-istanza żewġ kwinterni, li ma ġewx prodotti fl-ewwel istanza, sabiex jipprova li l-aħħar pagament akkont sar fid-19 ta' Awissu 1952, u li għalhekk hemm l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Id-difensur tal-konvenut oppona ruħu għall-produzzjoni, peress li d-dokumenti in parola ma ġewx eżibiti in prima istanza

Trattat l-inċident;

Din il-Qorti kkunsidrat;

Dwar il-produzzjoni ta' xhieda ġodda fl-appell hemm id-dispost ta' l-art. 206 Kap. 15;

Kwantu għad-dokumenti, dawn għandhom jiġu prodotti mal-petizzjoni ta' l-appell (art. 144). Jekk ma jkunux hekk prodotti, jistgħu jiġu prodotti, sussegwentement, biss fil-ka-

żijiet tassativament imsemmijin fl-art. 149;

Dan l-artikolu, għalhekk, jirregola l-produzzjoni ta' dokumenti godda fl-appell (ara Concorso "Zammit vs. Tabone", Appell 12 ta' Diċembru 1919, Vol. XXIV—I—237);

Quid, però, fil-każ li l-proċedura fl-appell hi b'ċitazzjoni, u mhux b'petizzjoni, bħal ma hi f'dan il-każ ta' appell minn sentenza tal-Qorti Ċivili Inferjuri?

L-artikolu 155 (2) igħid ukoll li d-dokumenti għandhom jiġu prodotti "maċ-ċitazzjoni". Iżda, kif ġie ritenut mill-ġurisprudenza, dan l-artikolu ma hux ostativ li l-Qorti tippermetti l-produzzjoni tardiva ta' dokumenti mhux eżibiti maċ-ċitazzjoni (ara Appell "Dr. Vassallo vs. Bonett", 3 ta' Diċembru 1945, Vol. XXXII—I—306, u sentenzi fiha ċitati). Imma dawn is-sentenzi jirriferixxu għall-proċedura fil-prima istanza, jew ekwiparabili għall-proċedura fil-prima istanza, kif inhu appell minn deċiżjoni tad-Deputazzjoni dwar il-Legati taż-Żwieġ. Għalhekk il-ġurisprudenza ċitata ma hix applikabili għal każ ta' talba għall-produzzjoni ta' dokument fl-appell meta dan id-dokument ma kienx prodott fl-ewwel istanza, avvolja l-proċedura tkun b'ċitazzjoni. Tapplika biss għal meta l-kontendent ikun irid jipproduċi fil-prima istanza stess dokument li suppost li pproduċa maċ-ċitazzjoni, jew ma' l-avviż (art. 171 Kap. 15). Għall-produzzjoni fl-appell jibqgħu applikabili l-każijiet ta' l-art. 149 Kap. 15;

Issa, fil-każ in ispeċje ma jirrikorri ebda wieħed minn dawk il-każijiet. Id-difensur semma l-każ tan-neċessità jew utilità li l-Qorti jkollha d-dokument quddiemha; iżda ġie kemm il-darba deċiż li din in-neċessità jew utilità hi dik li tinħoloq fit-tieni istanza; jekk kienet ġa teżisti fl-ewwel istanza, allura ma hux il-każ (ara Konkors fuq ċitat). Fil-kawża preżenti, in-neċessità tal-prova ta' l-interruzzjoni kienet teżisti minn mindu fil-prima istanza ġiet sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Jista' jiżdied illi, kieku l-attriċi tat ix-xhieda tagħha fl-ewwel istanza u semmiet dak li hi tallega li jirriżulta mill-kwinterni li trid teżibixxi, u l-mara tal-konvenut ikkontestat l-allegazzjoni ta' l-attriċi, allura, forsi, kien ikun il-każ

li wieħed jikkunsidra jekk dawn il-kwinterni setgħux jiġu eżibiti anki f'din l-istanza bħala prova supplementari għall-prova riżultanti mix-xhieda tagħha, u bħala prova li rrendiet ruħha meħtieġa minħabba l-konflitt; iżda l-attriċi lanqas biss xehdet;

Għalhekk il-Qorti tirriżolvi l-inċident billi tiddikjara inammissibili l-produzzjoni tad-dokumenti fuq imsemmija f'dan l-istadju, u tordna lid-Deputat Reġistratur Tagħha jerġa' jikkonsenja l-istess dokumenti, li kienu miżmuma fil-kustodja tiegħu, lid-difensur ta' l-attriċi. L-ispejjeż ta' l-inċident jibqgħu fuq l-attriċi.